MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2005

Citazzjoni Numru. 341/2003

**Jorg Grube proprio kif ukol ghan-nom u in raprezentanza ta' ommu Eeva Grube u ta' hutu Jan u Holger Grube**

**Vs**

**1) Med Crew Limited; 2) l-Avukat Dottor Ann Fenech fil-kwalita' taghha bhala mandatarja specjali tas-socjeta' estera Osterreichischer Lloyd Ship Management Ges.m.b.H; u 3) l-Avukat Dottor Anthony Cutajar u l-P.L. Victor Bugeja bhala kuraturi nominati minn dina l-Onorabbli Qorti sabiex jirrapprezentaw l-interessi tas-socjeta' assiguratrici estera Steamship Insurance Management Services Limited u b'digriet tat-18 ta' Settembru, 2003 Dr. Ann Fenech assumiet l-atti tal-kawza flok il-kuraturi nominati u dan in rapprezentanza tas-socjeta' assiguratrici estera.**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha s-socjeta’ attrici ppremettiet:

Premess illi l-attrici Eeva Grube u wliedha huma rispettivament il-mara u l-ulied tal-Kaptan Hans-Werner Grube, illi miet matul il-lejl ta' bejn is-sittax (16) u s-sbatax (17) ta' Settembru 2000 billi waqa' minn fuq il-vapur MS Zug, f'ibhra internazzjonali, u dan bhala rizultat ta' imperizja, negligenza u nuqqas ta' harsien tan-normi tas-sigurta’ rigward is-sigurta’ fuq il-post tax-xoghol da parti ta' min kien responsabbli ghaz-zamma u l-manutenzjoni tal-vapur imsemmi;

Premess illi *d-decujus* kien impjegat mas-socjeta’ konvenuta Med Crew Limited sabiex jirrendi s-servizzi tieghu lis-socjeta’ estera Osterreichischer Lloyd Ship Management Ges.m.b.H., illi ghaldaqstant huma konguntement u solidalment responsabbli ghall-ambjent tax-xoghol li fih gie mibghut jahdem *id-decujus* u ghad-danni konsegwenzjali ghall-mewt tieghu;

Premess illi s-socjeta’ assiguratrici estera Steamship Insurance Management Services Limited harget polza ta' assigurazzjoni li jirrendiha responsabbli lejn il-konvenuti l-ohra jew min minnhom ghall-hlas ta' tali danni, u ghalhekk ghandha relazzjoni ta' *debitrix debitoris* fil-konfront ta' l-attur *pro et noe*;

Premess illi permezz ta' ittra ufficjali tas-sittax (16) ta' Settembru 2002, l-atturi permezz tar-rapprezentanti legali taghhom interpellaw lill-konvenuti jersqu ghal-likwidazzjoni tad-danni fuq imsemmija, izda inutilment, u ghalhekk kellha, ssir din il-kawza;

Jghidu ghalhekk il-konvenuti ghaliex m'ghandhiex dina l-Onorabbli Qorti, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna:

I. Tiddikjara lill-konvenuti Med Crew Limited u l-Avukat Dottor Ann Fenech fil-kwalita' taghha bhala mandatarja specjali tas-socjeta' estera Osterreichischer Lloyd Ship Management Ges.m.b.H. solidalment responsabbli ghad-danni kagunati mill-mewt tal-Kaptan Hans-Werner Grube u tillikwida tali danni;

2. Tiddikjara lis-socjeta' assiguratrici konvenuta responsabbli lejn il-konvenuti Med Crew Limited u l-Avukat Dottor Ann Fenech fil-kwalita' taghha bhala mandatarja specjali tas-socjeta' estera Osterreichischer Lloyd Ship Management Ges.m.b.H., jew min minnhom, ghall-hlas tad-danni likwidati fl-ewwel talba, u konsegwentement *debitrix debitoris* ta' l-attur *proprio et nomine*;

3. Tikkundanna lill-konvenuti solidalment ghall-hlas tad-danni likwidati fl-ewwel talba.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tas-16 ta' Settembru, 2002 u tal-mandat ta' sekwestru fl-ismijiet Jorg Grube *pro et noe* vs Med Crew Limited, u bl-imghax legali mid-data tal-prezenti, bl-ingunzjoni tar-rapprezentanti tal-konvenuti minn issa in subizzjoni, u bir-rizerva ta' kull azzjoni ulterjuri fil-ligi.

Rat id-dikjarazzjoni tal-atturi a fol.3 tal-process;

Rat **in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti kuraturi deputati Dr. Anthony Cutajar u l-P.L. Victor Bugeja** a fol. 20 tal-process fejn eccepew:

1) Illi f'dan l-istadju huma ma humiex edotti mill-fatti tal-kawza.

2) Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat **in-nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjetajiet konvenuti Med Crew Limited u Osterreichischer Lloyd Ship Management Ges.m.b.H** a fol. 22 tal-process fejn jeccepixxu:

Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez peress illi m'huwiex minnu lli s-socjetajiet konvenuti Med Crew Limited u Osterreichischer Lloyd Ship Management Ges.m.b.H. huma responsabbli ghad-danni msemmija u dan ghar-ragunijiet segwenti: -

<u>In konnessjoni maz-zewg socjetajiet konvenuti eccipjenti u cioe Med Crew Limited u Osterreichischer Lloyd Ship Management Ges.m.b.H:</u>

1. Preliminarjament l-irritwalita' tat-taIba attrici u konsegwentement in-nullita' tal-istess citazzjoni stante illi ma tista' qatt tinsab responsabilita' ghad-danni jekk mhux bi htija u fit-talbiet attrici m'hemm I-ebda taIba ghal dikjarazzjoni ta' htija kontra s-socjetajiet konvenuti Med Crew Limited u Osterreichischer Lloyd Ship Management Ges.m.b.H.;

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost jidher illi l-katavru tal-imsemmi Kaptan Hans-Werner Grube ma nstabx u ghaldaqstant m'hemm l-ebda prova Ii dan huwa mejjet tant illi l-atturi ma pprezentaw l-ebda certifikat tal-mewt;

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet tal-atturi ghandhom jigu michuda bl-ispejjez peress illi l-atturi naqsu milli jghidu liema artikolu tal-ligi tad-domicilju tal-Kaptan Grube, Ii hija l-ligi Ii ghandha tirregola din il-materja ta' drittijiet dwar successjoni, jaghtihom xi dritt ta' successjoni u d-dritt sabiex jaghmlu t-talba kontenuta fic-citazzjoni;

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet fic-citazzjoni ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante Ii l-mewt tal-Kaptan Grube ma gietx ikkagunata minhabba xi negligenza, nuqqas jew tort tas-socjetajiet konvenuti Med

Crew Limited u Osterreichischer Lloyd Ship Management Ges.m.b.H.

In konnessjoni mas-socjeta' konvenuta Osterreichischer Lloyd Ship Management Ges.m.b.H.

5. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, bir-rispett kollu, ai termini tal-Artikolu 742 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili din l-Onorabbli Qorti m'ghandiex guridizzjoni fir-rigward tas-socjeta' konvenuta Osterreichischer Lloyd Ship Management Ges.m.b.H. fil-materja in kwistjoni u ghaldaqstant is-socjeta' konvenuta Osterreichischer Lloyd Ship Management Ges.m.b.H. ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju;

6. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta' konvenuta Osterreichischer Lloyd Ship Management Ges.m.b.H. ma kellha l-ebda rabta kontrattwali mal-atturi jew il-Kaptan Grube u ghalhekk ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat **in-nota ta' l-eccezzjonijiet ulterjuri tas-socjeta' konvenuta Steamship Insurance Management Services Limited Med** a fol. 30 tal-process fejn eccepiet;

Illi talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez peress illi m'huwiex minnu lli s-socjeta' konvenuta Steamship Insurance Management Sevices Limited hija responsabbli ghad-danni imsemmija u dan ghar-ragunijiet segwenti: -

1. Preliminarjament l-irritwalita' tat-talba attrici u konsegwentement in-nullita' tal-istess citazzjoni stante illi ma tista qatt tinsab responsabilita' ghad-danni jekk mhux bi htija u fit-talbiet attrici m'hemm l-ebda talba ghal dikjarazzjoni ta' htija kontra s-socjeta' konvenuta Steamship Insurance Management Services Limited;

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost jidher illi l-kadavru tal-imsemmi Kaptan Hans-Werner Grube ma

nstabx u ghaldaqstant m'hemm l-ebda prova li dan huwa mejjet tant illi l-atturi ma pprezentaw l-ebda certifikat tal-mewt;

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet tal-atturi ghandhom jigu michuda bl-ispejjez peress illi l-atturi naqsu milli jghidu liema artikolu tal-ligi tad-domicilju tal-Kaptan Grube, li hija l-ligi li ghandha tirregola din il-materja ta' drittijiet dwar successjoni, jaghtihom xi dritt ta' successjoni u d-dritt sabiex jaghmlu t-talba kontenuta fic-citazzjoni;

4. IlIi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet fic-citazzjoni ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li l-mewt tal-Kaptan Grube ma gietx ikkagunata minhabba xi negligenza, nuqqas jew tort tas-socjeta' konvenuta Steamship Insurance Management Services LImIted;

5. IlIi minghajr pregudizzju ghas-suespost, bir-rispett kollu, ai termini tal-Artikolu 742 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili din l-Onorabbli Qorti m'ghandiex gurisdizzjoni fir-rigward tas-socjeta' konvenuta Steamship Insurance Management Service Limited fil-materja in kwistjoni u ghaldaqstant is-socjeta' konvenuta Steamship Insurance Management Services Limited ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju;

6. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta' konvenuta Steamship Insurance Management Services Limited ma kellha l-ebda rabta kontrattwali mal-atturi jew il-Kaptan Grube u ghalhekk ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju;

7. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-*actio debitor debitoris mei* assolutament ma tistax tigi intavolata mill-atturi kontra s-socjeta' konvenuta Steamship Insurance Management Services Limited, peress illi din is-socjeta' konvenuta ma hiex debitrici ta' l-ebda mis-socjetajiet konvenuti l-ohra.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;
Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet lill Avukati difensuri jittrattaw il-hames eccezzjoni tal-konvenuti s-socjeta' estera Osterreichischer Lloyd Ship Management Ges.m.b.H u tas-socjeta' assiguratrici estera Steamship Insurance Management Services Limited.

**KONTESTAZZJONI**

Il-kawza thalliet ghal lum ghas-sentenza fuq il-hames eccezzjoni tal-konvenuti s-socjeta' estera Osterreichischer Lloyd Ship Management Ges.m.b.H u tas-socjeta' assiguratrici estera Steamship Insurance Management Services Limited.

F'dina l-eccezzjoni l-konvenuti qed jeccepixxu li a termini ta' l-Artikolu 742 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili Kap 12 din l-Onorabbli Qorti m'ghandiex gurisdizzjoni fir-rigward tas-socjetajiet konvenuti u ghalhekk ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju.

Il-konvenuti issottomettew li huma m'humiex domiciljati, residenti jew prezenti Malta. Il-kawza ma tirrigwardax proprjeta' sitwata hawn Malta u lanqas ma giet kontrattata minnhom obbligazzjoni f'Malta jew li kellha tigi ezegwita hawn Malta. Inoltre l-atturi, bhal konvenuti m'humiex domciljati, residenti jew prezenti Malta. Fi kliem iehor m'humiex xi wahda mill-persuni ndikati fl-artikolu 742(1) (a ) sa (g) jew huma milquta mill-kondizzjonijiet prevvisti f'dak l-artikolu.

Min naha l-ohra l-atturi qed jissottomettu li huma qed jibbazaw l-azzjoni taghhom principalment fuq is-sub-inciz (f) tal-Art 742(1) Kap 12. Rigward Osterreicherischer l-azzjoni saret kontra taghhom peress illi hemm relazzjoni kontrattwali diretta bejn il-Kaptan Gruber u l-Med Crew fil-kwalita taghhom ta' *employers* tieghu u bejn dawn u Osterreicherischer peress illi Med Crew speci ta welliet is-servizzi tal-kaptan lilhom. L-atturi jirritjenu li huma

setghu jaghmlu dana billi jezercitaw l-*actio debitor debitoris mei*. L-istess argument jghidu li japplika fil-konfront ta' l-assikurazzjoni Steamship billi hija d-debitur tad-debitur taghha u fit-tieni lok billi l-assikurazzjoni assoggettat ruhha ghal gurisdizzjoni ta' dina l-Qorti (ara artikolu 742(1)(g) Kap 12), meta ghamlet garanzija (ara fol 111 sa 114) "*to pay any amount and to meet any liability which may be finally adjudged by a Maltese Court or other court of competent jurisdiction*" .. u dan wara li nhareg il-mandat ta' sekwestru kontra Med Crew mill-atturi.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

L-artikolu 742 tal-Kap 12 jitkellem dwar il-persuni li jaqghu taht il-gurisdizzjoni tal-Qrati ta' Malta. Dan l-artikolu jipprovvdi:

(1) Bla hsara ta' fejn il-ligi tiddisponi espressament xort'ohra, il-Qrati Civili ta' Malta minghajr ebda distinzjoni jew privilegg, ghandhom gurisdizzjoni biex jisimghu u jiddeciedu l-kawzi kollha li jirrigwardaw il-persuni hawn taht imsemmija:

(*a*) cittadini ta' Malta, sakemm ma jkunux stabbilew id-domicilju taghhom band'ohra;
(*b*) kull persuna, sakemm jew ghandha d-domicilju taghha jew tkun toqghod jew tkun qeghda Malta;
(c) kull persuna, f'kawza dwar hwejjeg li qeghdin jew li jinsabu f'Malta;
(*d*) kull persuna li tkun ikkuntrattat obbligazzjoni f'Malta, izda ghall-kawzi biss li ghandhom x'jaqsmu ma' dik l-obbligazzjoni u kemm-il darba dik il-persuna tkun tinsab Malta;
(*e*) kull persuna illi, ghalkemm tkun ikkuntrattat obbligazzjoni f'pajjiz iehor, tkun ftehmet li ghandha tesegwixxi dik l-obbligazzjoni f'Malta, jew tkun ikkuntrattat obbligazzjoni illi bilfors ghandu jkollha effett f'Malta, kemm-il darba, f'kull kaz, dik il-persuna tkun tinsab Malta;
(*f*) kull persuna, ghal kull obbligazzjoni li tkun ikkuntrattat favur cittadin ta' Malta jew persuna li tinsab Malta jew korp li jkollu personalità guridika distinta jew assocjazzjoni ta'

persuni inkorporati jew li jiffunzjonaw f'Malta, meta s-sentenza tista' tkun esegwita f'Malta;
(*g*) kull persuna li tkun b'mod espress jew tacitu volontarjament qaghdet jew qablet li toqghod ghall-gurisdizzjoni tal-qorti.

(2) Il-gurisdizzjoni tal-qrati ta' kompetenza civili mhijiex eskluza mill-fatt li qorti barranija tkun qeghda tittratta l-istess kawza jew kawza li ghandha x'taqsam maghha. Meta qorti barranija jkollha gurisdizzjoni konkorrenti, il-qrati jistghu fid-diskrezzjoni taghhom, jilliberaw lill-konvenut mill-osservanza tal-gudizzju jew iwaqqfu l-procedimenti f'kaz li l-azzjoni, jekk titkompla Malta, tkun vessatorja, oppressiva jew ingusta ghall konvenut.

Fil-kaz in ezami l-konvenuti jaqblu li l-Qorti ghandha gurisdizzjoni fir-rigward tal-konvenuti Med Crew izda mhux fil-rigward taz-zewg konvenuti l-ohra.

Mill-ezami ta' l-artikolu 742 jirrizulta li ghal dak li ghandu x'jaqsam mas-subinciz (a) m'hemmx dubbju li l-konvenuti Osterreichisher u Steamship Insurance m'humiex cittadini Maltin. Ghar-rigward tas-sub-incizi (b) (d) u (e) is-socjetajiet konvenuti imsemmija ma jinsabux hawn Malta. Kwantu ghas-sub-inciz (c) il-kawza m'ghandiex x'taqsam ma hwejjeg li qeghdin jew li jinsabu f'Malta. Dwar is-sub-inciz (f) l-atturi u s-socjetajiet konvenuti bhala barranin mhumiex cittadini Maltin u ma jiffigurawx taht l-ebda wiehed mill kazijiet hemm imsemmija.

Dwar l-istess sub-inciz (f) u sub-inciz (g) l-atturi qed jikkontendu li z-zewg kumpaniji m'humiex estraneji ghat-talba taghhom billi Osterreichisher u Steamship Insurance huma debituri tad-debitur taghhom Med Crew, u inoltre Steamship Insurance accettat il-gurisdizzjoni ta' dina l-Qorti meta ghamlet il-garanzija fuq imsemmija.

Fuq dan l-ahhar punt il-Qorti ma taqbilx li, ghaliex Steamship giet imgieghelha tohrog garanzija biex Med Crew ma jiqbghux marbutin bis-sekwestru li nhareg kontra taghhom, Steamship Insurance rrikonoxxiet il-gurisdizzjoni ta' dina l-Qorti jew li hi volontarjament qaghdet jew qablet

li toqghod ghal gurisdizzjoni tal-Qorti. Hi ggarantiet il-pagament jekk ikun il-kaz li jirrizulta li kienu dovuti xi danni lill atturi minn Med Crew, imma mhux li dina l-Qorti ghandha gurisdizzjoni fuqha.

Kwantu ghas-sottomissjoni l-ohra ta' l-atturi dwar l-azzjoni minnhom proposta l-Qorti hi tal-fehma li t-talba kif saret kontra z-zewg konvenuti hi inamissibili in kwantu bazata fuq il-provvedimenti ta' l-Artikolu 1143 tal-Kap. 16 billi l-*actio debitor debitoris mei* hija azzjoni diretta kontra debitur tad-debitur ghall-hlas ta' kreditu reklamat mill-attur u mhux, kif prospettat fic-citazzjoni, biex iggieghel debitur jonora l-obbligi tieghu fil-konfront tad-debitur ta' l-attur. Inoltre ghad irid jirrizulta li l-konvenuti huma debituri tad-debitur ta' l-atturi.

Ic-citazzjoni ta' l-atturi kontra Steamship Insurance hi bazata fuq il-presuppost illi minhabba l-*claim* maghmula minnhom kontra Med Crew is-socjeta' assiguratrici dahlet f'relazzjoni kontrattwali gdida maghhom li bhala rizultat is-socjeta' assumiet responsabilita' shiha ghall-hlas tad-danni subiti mill-atturi.

"Mhux eskluz fit-teorija li tali sitwazzjoni tista' tinholoq fejn id-danneggjat u l-assigurazzjoni li tkun tkopri lil min ikkaguna l-hsara jidhlu f'relazzjoni diretta bejniethom, li bhala rizultat taghha, is-socjeta' assikuratrici tassumi pjenament ir-responsabilita' ghall-hlas tad-danni, u dana bl- accettazzjoni da parti tad-danneggjat li jehles lil min kien ikkagunalu l-hsara minn kull addebitu. Ftehim dan li jehtieg li jkun esplicitu, car u univoku u maghmul fil-forma li tezigi l-ligi" (App Inf. J. Mallia vs J. Falzon et 31/7/96).

Fil-kaz in ezami l-assikurazzjoni Steamship mhiex qed taccetta li kien kemm relazzjoni diretta bejnha u l-atturi imma biss iggarantiet li jekk jirrizulta li hemm xi danni dovuti minn Med Crew lill atturi hi lesta li taghmel tajjeb ghalihom.

Ghalhekk il-Qorti tikkonkludi li l-hames eccezzjoni tal-konvenuti Osterreichischer Lloyd Ship Management Ges.m.b.H u tas-socjeta' assiguratrici estera Steamship

Insurance Management Services Limited ghandha tigi milqugha.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi
Billi tilqa' l-hames eccezzjoni tal-konvenuti Osterreichischer Lloyd Ship Management Ges.m.b.H u tas-socjeta' assiguratrici estera Steamship Insurance Management Services Limited, dwar il-guridizzjoni ta' dina l-Qorti u tiliberahom mill-osservanza tal-gudizzju,
Spejjez ghall atturi
U tiddifferixxi l-kawza ghall-kontinwazzjoni tal-provi ghall 4 ta' Novembru, 2005.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------